MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 38/2004

Kawza fil-lista: 12

**Christopher Spiteri u Elaine Mangion**
**Vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi minn relazzjoni ta' bejn l-atturi Christopher Spiteri u Elaine Mangion twieldet tarbija fit-23 ta' Dicembru 2003, li ggib l-isem ta' Kieran, dana kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu numru ta' Iskrizzjoni 108/04 hawn anness u mmarkat Dok A

Peress illi mill-istess Att tat-Twelid imsemmi, taht il-kolonna *"Isem u kunjom"*, b'referenza ghal missier it-

tarbija, l-istess missier it-tarbija gie indikat bhala *Kevin Buhagiar* minflok, *Christopher Spiteri*, li tal-ahhar huwa l-missier naturali tal-minuri, Kieran.

Peress illi inoltre u per konsegwenza, in-numru tal-karta tal-identita' tal-missier, taht il-kolonna *"Id-Dokument ta' l-Identita'"*, huwa indikat in-numru *0188976(M)*, illi jappartjeni lil Kevin Buhagiar, u mhux lil missier naturali, Christopher Spiteri, li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita' *547774(M)*.

Peress illi taht il-kolonna *"Eta/Snin"*, hemm indikata l-eta' ta' Kevin Buhagiar bhala 27, minflok l-eta' tal-missier naturali, Christopher Spiteri, u cioe, *'29'*.

Peress illi ghall-istess raguni, taht il-kolonna *"Joqghodu"*, li taghmel referenza ghall-post ta' residenza tal-missier, hemm indikat *Sliema*, u cioe', fejn joqghod Kevin Buhagiar, minflok *"Qawra"*, illi huwa l-post ta' residenza tal-missier naturali, Christopher Spiteri.
Peress illi fl-ahhar net, fil-kolonna *"Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet"*, liema kolonna taghmel referenza ghall-missier ta' missier it-tarbija, hemm indikat *Carmelo Buhagiar (Alive),* illi huwa missier Kevin Buhagiar, meta fil-fatt, ghandu jigi ndikat missier il-missier naturali, u cioe', missier Christopher Spiteri, *Edmond Spiteri (Alive)*.

Peress illi l-attrici hija legalment separata minn ma zewgha, l-istess Kevin Buhagiar, u dana kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni bonarja datat 12 ta' Gunju 2003, u ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza, hawn anness u mmarkat Dok B.

Peress illi l-atturi jixtieq jirregola l-posizzjoni, b'dan illi jigu effettwati t-tibdiliet necessarju sabiex l-Att tat-Twelid in kwistjoni u kwalsiasi atti ufficjali sussegwenti jirriflettu l-isem u l-kunjom tal-missier tat-tarbija bhala *'Christopher Spiteri'*; in-numru tad-dokument tal-identita' ta' missier it-tarbija bhal *'547774(M)'*; l-eta' tal-missier it-tarbija bhal *'*29'; ir-residenza tal-missier tat-tarbija bhala *'Qawra'*; kif

ukoll isem u kunjom missier ta’ missier it-tarbija bhala *‘Edmond Spiteri (Alive)’*.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta illi l-Att tat-Twelid iskritt mir-Registru Pubbliku bin-numru 108/04, jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna *“Isem u kunjom”*, b’referenza ghal missier it-tarbija, jithassar il-kliem *Kevin Buhagiar*u minflok, jigi indikat il-missier naturali tat-tarbija u cioe’, *Christopher Spiteri*;

2. Tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta illi l-Att tat-Twelid iskritt mir-Registru Pubbliku bin-numru 108/04, jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna, *“Id-Dokument ta’ l-Identita’”*, li taghmel referenza ghan-numru tal-Karta ta’ l-Identita’ ta’ missier it-tarbija, jithassar in-numru *0188976(M)*, u minflok jigi indikat dak tal-missier naturali tat-tarbija, u cioe’ *547774(M)*;

3. Tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta illi l-Att tat-Twelid iskritt mir-Registru Pubbliku bin-numru 108/04, jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna *“Eta/Snin”*, li jirreferi ghall-eta’ ta’ missier it-tarbija jithassar in-numru *27*, u minflok, tigi ndikata l-eta’ tal-missier naturali, Christopher Spiteri, u cioe’, (*29)*;

4. Tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta illi l-Att tat-Twelid iskritt mir-Registru Pubbliku bin-numru 108/04, jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna *“Joqghodu”*, li taghmel referenza ghall-post ta’ residenza tal-missier, tithassar il-kelma *Sliema*, u minfloka jigi indikat il-post ta’ residenza tal-missier naturali, u cioe’, *“Qawra”*;

5. Tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta illi l-Att tat-Twelid iskritt mir-Registru Pubbliku bin-numru 108/04, jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna *“Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet”*, liema kolonna taghmel referenza ghall-missier ta’ missier it-tarbija, jithassru l-kliem *Carmelo Buhagiar (Alive),* u minflokhom, jigu indikati l-kliem *Edmond Spiteri (Alive)*.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu huwa edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-attur ghandu jispecifika oltre d-dettalji personali li hemm indikati fic-citazzjoni, il-post tat-twelid ta' Christopher Spiteri u x'inhi l-professjoni tieghu biex jekk jintlaqghu t-talbiet attrici dawn ikunu jistghu jitnizzlu fil-kolonni rispettivi tad-dettalji tal-missier fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri Kieran.

3. Illi jekk jintlaqghu t-talbiet attrci, l-missier irid jitnizzel bhala *"missier illegittimu"* u ghandhom jigu kancellati l-kliem *"the said"* fil-kolonna tad-dettalji ta' l-omm.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-Avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-harga tal-25 ta' Jannar 2005;
Rat l-affidavits prezentati mill-partijiet;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-atturi qedin jitolbu li jsiru korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid numru 108/2004 ta' binhom il-minuri Kieran Buhagiar li twieled fit-23 ta' Dicembru 2003, stante li f' dan ic-certifikat isem missier il-minuri gie indikat bhala Kevin Buhagiar flimkien mad-dettalji relattivi ghal dan.

Mill-provi rrizulta pacifiku li r-relazzjoni matrimonjoli ezistenti bejn il-konjugi Kevin Buhagiar u l-attrici Elaine Mangion thassret irrevokabbilment tant li dawn ftehmu li

jisseparaw minn xulxin. Di fatti bi ftehim l-imsemmi Kevin Buhagiar ghal habta ta' Gunju 2002 telaq mid-dar konjugali u minn dak in-nhar spiccat ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Illi sussegwentement ghal habta ta' Lulju 2002 l-attrici bdiet relazzjoni mal-attur li wasslet sabiex f' Ottubru 2002 dawna bdew jghixu flimkien fid-dar tal-genituri ta' l-attur. F' April tas-sena 2003 l-attrici harget tqila mill-attur u f' Lulju 2003 marru jghixu flimkien ghal rashom. Fit-23 ta' Dicembru 2003 twieled il-minuri Kieran mir-relazzjoni ta' bejniethom.

Illi sadanittant fit-12 ta' Gunju 2003 giet finalizzata s-separazzjoni personali bonarja bejn l-attrici u l-imsemmi Kevin Buhagiar, fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza.

Illi meta l-atturi marru r-Registru Pubbliku sabiex jirregistraw it-tarbija taghhom, huma gew informati li, peress li ma kienux ghadhom ghaddew tlett mitt gurnata mid-data tal-att ta' separazzjoni, missier it-tarbija kellu jgi registrat bhala Kevin Buhagiar u mhux Christopher Spiteri.

Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement li l-missier naturali tat-tarbija huwa l-attur u mhux Kevin Buhagiar kif indikat fl-Att tat-Twelid li tieghu qeda tintalab il-korrezzjoni. L-istess Kevin Buhagiar fl-affidavit tieghu jikkonferma "Ma kellix relazzjoni sejra [mal-attrici] ghal sena minn meta sseparajna de facto….. Nghid li t-tarbija Kieran, illi taghha jien indikat bhala l-missier naturali, mhix tieghu …. Illi ghalhekk, ladarba Kieran, mhux ibni, u jiena m' ghandi x' naqsam xejn mieghu, dan ghandu wkoll jigi rifless fl-Att tat-Twelid tieghu." [Fol.38].

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha. Jigi pero' rilevat li fejn isem il-missier ghandhom jitnizzlu l-kliem *"illegitimate father"* kif jiddetta l-Artikolu 279 tal-Kap.16 f' dawn il-kazijiet; inoltre ghandhom jigu kkancellati l-kliem *"the said"* fil-kolonna tad-dettalji ta' l-omm.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti; u inoltre tordna li fejn isem il-missier ghandhom jitnizzlu l-kliem *illegitimate father*, u wkoll jigu kkancellati l-kliem *the said* fil-kolonna tad-dettalji ta’l-omm, kif fuq indikat.

L-ispejjez jibqghu a kariku tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------